**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum:** 19 ta' Diċembru, 2016

**Il-Pulizija**
**(Spettur Melvyn Camilleri)**
**(Spettur Johann J Fenech)**

**-vs-**

**Mahdi Ouerfelli detentur ta' dokument ta' immigrazzjoni nru 13MH-024; u**

**Ommissis**

**Kumpilazzjoni Nru. 566/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputati Mahdi Ouerfelli u Ommissis u cioe` talli:

Fil-lejl ta' bejn il-11 u 12 ta' Ġunju 2014 ġewwa Birżebbuġia:

1. Ikkommettew serq ta' flus kontanti liema ammont jeċċedi l-€232,94 iżda ma jeċċedix l-€2329,37 għad-detriment ta' Domenic Briffa (ID

Nru 116663M) u Raymond Farrugia (ID nru 357258M) minn Birżebbuġia, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;

2. Bil-ħsieb li jagħmlu ferita ta' natura gravi fuq il-persuni ta' Yaasin Aweis Isxaaq (Id Nru 73239A), Mahdi Burgale Ali (50406A) u Abdi Salaan Mahamad Abtidon (ID nru 52189A), permezz b'arma regulari inkella bi strument li jaqta' u jniggeż, wrew dan il-ħsieb b'atti esterni u li taw bidu għall-eżekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali je windipendenti mill-volontà tagħhom.

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Mahdi Ouerfelli waħdu u ċioè talli:

1. Fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi, ġarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija.
2. Fl-istess lok, ħin u ċirkostanzi, kkometta reat punibbli bi priġunerija fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza mogtija mill-Qorti tal-Magistrati (magistrate Dr. Saviour demicoli) nhar l-1 ta' Novembru, 2013.[1]

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-akkużati għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:[2]

(i) Fl-artikoli 261(b), 261(c), 261(f), 261(g), 263, 264, 254, 267, 270, 271, 278, 279(a), 280 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(ii) Fl-artikolu 325(1)(b)[3] tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(iii) Fl-artikoli 6 u 51(7) tal-Att dwar l-armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta;
(iv) Fl-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
(v) Fl-artikoli 17, 20, 23, 28H, 31, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

[1] Vide Verbal tal-10 ta' Lulju, 2014 a fol.18
[2] Fol.252
[3] Kif kien jaqra qabel l-emendi ntrodotti bl-Att XXIV tal-2014

Rat li fis-seduta tallum, l-imputat rregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u hu nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena u senjatament li dwar l-akkuza li l-imputat wettaq reat/i fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, din il-Qorti kif preseduta kienet gja trattat dan l-addebitu fis-sentenza taghha tas-26 ta' Frar, 2016 (Kumpilazzjoni Nru.600/2014)

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnhu ammessi.

Illi ghalkemm fin-nota tar-rinviju ghall-gudizzju hemm indikati l-artikoli 28H, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat ma kienx gie akkuzat li hu recidiv u lanqas li kiser xi kundizzjoni tal-Qorti dwar restituzzjoni jew kumpens.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li qieghed jinstab hati dwarhom l-imputat, il-fedina penali tieghu li fiz-zmien li wettaq dawn ir-reati kienet ghada wahda netta, l-ammissjoni u c-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 18, 23, 31, 261(b), 261(c), 261(f), 261(g), 263, 264, 254, 267, 270, 271, 278, 279(a), 280, 281 u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta'

Malta, u l-artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha u tikkundannah ghall-ghoxrin xahar prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal sentejn, kif ukoll ghall-hlas ta' multa fl-ammont ta' €116.47.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk iwettaq reati ohra waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas tal-esperti billi ma jirrizultax li kien hemm tali hlas involut.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**